# NIRIEN TA' MĦABBA

## JEW SIEGĦA MA' ĠESÙ OSTJA

Kemm hi ħelwa l-Għamara ta' Mħabbtek,
O Ġesù, x'Ġenna żgħira f'din l-art!
Hawn il-bjuda w-is-safa tal-ġilju;
Hawn il-fwieħa tas-sagħtar u l-ward.

Le ma rridx noħlom iżjed il-frugħa
Li tidħakli fil-għana, fil-ġid:
Inti biss tkun il-Kewkba ta' ħsiebi;
Int il-Ħakem ta' qalbi w-is-Sid;

Għax il-bewsa ta' fommok ħanina
Fiha togħma ta' Ħobż is-Smewwiet:
Fit-tgħanniqa ta' qalbi ma' qalbek
Ruħi togħxa fil-mewġ tal-ħlewwiet.

Dik il-kelma li tgħidli fis-siegħa
Li ninxteħet sogħbien haw' f'riġlejk;
Dik ix-xrara li tikbes ġo sidri,
Meta naħseb fil-kisra t'għajnejk,

Ifissruli l-ħuġġieġa ta' mħabba
Li wasslitek biex tmut fuq salib,
U nħoss xewqa li nrossok fi ħdani
U mmut mgħannaq ma' l-Egħżeż Ħabib,

Għax il-bewsa ta' fommok eċċ.

Priġunier f'dik id-dwejra ċkejkuna,
Qatt ma tegħja tistenna lill-ħbieb;
U fiż-żjara ta' qlub għalenija
Tiftaħ beraħ ta' Darek il-bieb.

O Ġesù, ibqa' dejjem kellimni
Hekk, bil-ħlewwa, sa kemm żmieni jtul,
Ħalli nħobbok, inħobbok, inħobbok
Fil-Misterju tal-għeneb u ż-żbul.

Għax il-bewsa ta' fommok eċċ.

13-14—4—38

Dun Karm

# Il-Vinturi tal-għaġeb

# tal-Baruni Munchausen

*Sthajluh raġel għoli, imġissem, ras daqsiex, imnieħer twil diehel f'ħalqu u qiegħed fuq par mustaċċi jaslu sa geddumu, u taħt par għajnejn ħomor qisħom xrara nar, farrett fuq moħħu u ieħor fuq ħaddejn li bdew jitkemmxu, liebes uniformi sabiħa, kollha għalen u ganez tad-deheb, b'qabda rġiel, żgħa żagħ u mħumiex, imdawrin miegħu, ilkoll minsuba ma' dwar mejda kbira, bit-tazzi mimlija, bi flixkun wieqaf fin-nofs u bi tnejn jew iżjed mimduda ħdejn..., il-Baruni Munchausen, giddieb għall-aħħar, qiegħed igħid x'għadda minn għalih fil-vjaġġi li għamel ma' dwar id-dinja...*

*Il-Baruni Munchausen kien tassew jeżisti. Hu kien ħa sehem kbir fil-gwerer tar-Russja (taħt Pietru II, Anna u Eliżabetta) kontra t-Torok, kien dar u ġera u baħħar kemm felaħ, u, meta fl-1760, raġa' lejn art twelidu, il-Ġermanja, kien iħobb joqgħod igħid dak kollu li għadda minn għalih "fuq xi flixkun xorb." Xejn la tistagħġbu jekk minn dak li kien igħid ma kontx issib waħda minnha!*

*Għad illi, kif għedna, il-Baruni Munchausen kien tassew jeżisti mhux huwa kitibhom dawn il-ġrajja tiegħu. L-ewwel biċċa dehret fl-1785, mhux, kif wieħed jaħseb, fil-Ġermanja u bil-ġermaniż, iżda f'Londra u bil-lsien ingliż; kien fiha biss xi ħames kapitli u ma kienet iġġib ebda isem tal-kittieb. Fl-1786, il-Vinturi tal-Baruni Munchausen ħarġu f'għoxrin kapitlu, mingħajr, lanqas f'dan, ma kien hemm isem min kitibhom.*

*Fl-1824 inkixef minn kien il-kittieb: kien Rudolph Erick Raspe, Ġermaniż, huwa wkoll bniedem stramb, u mogħti għall-istudju ta' l-arti u tax-xjenza. Meta kien għamel isem sewwa bħala xjenzjat u bħala awtorità fi ħwejjeġ antiki u l-iżjed fix-xorta u s-siwi ta' ħaġar prezzjuż, midalji, ġojjelli, kellu jaħrab minn pajjiżu (għax biegħ u żamm għalih il-flus ta' xi oġġetti ta' siwi li kellu f'idejh) u jitlaq lejn l-Ingilterra fejn kiteb u ħareġ il-Vinturi tal-Baruni Munchausen.*